KUNSILL LOKALI KALKARA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3/2023

28 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma Kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**3.1** <u>**Qari ta' ittri ta' apoloġija**</u>

**3.1.** Ma kellniex.

**3.2** <u>**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**</u>

**3.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 2.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**3.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Maria Sultana u ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop l-minuti ġew approvati unanimament.

<u>**Punti mill-Minuti Preċedenti :**</u>

**3.3** A. Punt 2.3.A Ġbir ta' Skart

Is-Sindku ta 'over view' ta' dan l-ewwel xahar mingħajr 'wheely bins' fil-Kalkara wara d-deċiżjoni li ttieħdet mill-kunsill stess. Huwa saħaq illi wara naqra eżaminazzjoni interna li hu stess kien qed jagħmel saħaq illi kien ferm kuntent bil-kollaborazzjoni tal-maġġoranza tar-residenti. Huwa qal illi xi ftit boroż fejn kien hemm l-iskips kien hemm, pero' mhux dak il-ħafna inkwetanti fejn ma kellniex bżonn ta' għajnuna ta' terzi biex jinġabar xi ħafna żibel mitluq. Huwa qal illi l-ħaddiema tal-Kunsill ħadu ħsieb ukoll li jduru bi pjan biex wieħed jara x'hemm u x'ma hemmx biex ma nħallux dak il-ftit skart mormi mhux kif suppost u ta' dan irringrazzjom bis-sħiħ ta' xogħolom ta' kuljum.

Is-Sindku fakkar il-kunsill l-ispiza li kienet tintefaq għas-servizz ta' 'wheely bins' u l-ispiża li rduppjat kieku l-kunsill żamm il-'wheely bins' fil-lokal waqt diskussjoni libera fuq dan il-punt. F'dawn il-ġranet ukoll is-Sindku rrealizza illi l-iskips tal-lokal li kien hawn kienu jintużaw primarjament minn nies minn barra mill-lokal kif ukoll mill-ħaddiema tal-kunsill stess dan il-għaliex fit-

tmiem tal-ħidma tagħhom il-boroż tal-haddiema li jinġabru matul il-ġurnata tax-xogħol kienu qed jintefgħu fl-iskips allokati fiż-żoni. Din il-kwistjoni tqajjem punt validissimu illi issa ġiet problema għal ħaddiema tagħna u għal kunsill fejn wieħed jiġi biex jarmi infatti bħala kunsill b'mod urġenti inġab van 'leased' minn kuntrattur tal-kunsill stess biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jghabbu fih u b'kordinament skond il-ġurnata tal-boroż jinħarġu biex jinġabru mill-kuntrattur imqabbad mir-Regjun bis-sistema ta' ġbir ta' skart il-ġdida. Ukoll dan il-van qed iservi biex il-kenniesa tal-kunsill li f'dawn il-ġranet huma ħaddiema tal-kunsill stess wara d-deċiżjoni li ttieħdet mill-kunsill stess li ma tinħariġx sejħa formali wara li skada l-kuntratt biex wieħed jiffranka spiża oħra abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istess kunsill. Il-problema ma ssolvietx il-għaliex il-ħaddiema qiegħedin jagħmlu ħidma tajba ħafna u l-ammont ta' boroż li qed jinġabru kuljum huma inkredibbli, dan ifisser illi l-kunsill ser ikun qiegħed jara kif il-boroż tax-xogħol li qed jinġabru mill-ħaddiema ikun qiegħed jinġabar mill-kuntrattur forsi anke mhux fil-ġranet tal-kollezzjoni normali. Fl-istess ħin is-Sindku spjega fejn il-kunsill veru ffranka mill-iskips u mill-kenniesa pero' l-invoices li irċieva l-kunsill mir-Reġjun ta' Jannar u Frar ġiet sitwazzjoni inkwetanti ħafna. Li apparti illi l-ġbir għola fil-prezz bil-kuntratt il-ġdid, l-istess kunsill b'din is-sistema l-ġdida ġabet magħha problema ta' 'cash flow' minħabba l-loġistika li biha inħadmet is-sejħa. Fuq din il-kwistjoni s-Sindku talab laqgħa formali mar-Reġjun, mad-dipartiment tal-kunsilli, mal-Ministeru biex b'hekk ikun jista' jagħmel enfażi fuq il-pożizzjoni tiegħu fuq din il-problema. Il-laqgħa ġiet ippostponuta u ser issir aktar tard f'April 2023. Hemm ħafna affarijiet li mhux ireġġu speċjalment fi ħdan il-Kunsill tal-Kalkara meta l-

pożizzjoni finanzjarja hi dik li hi u wieħed ma jistax iħalli dawn l-affarijiet għaddejjin.

Is-Sindku qal illi xtaq li jiġbed l-attenzjoni fuq din il-kwistjoni biex il-kunsill ikun konxju f'liema qgħada jinsab fiha fuq din il-kwistjoni li hija kwistjoni li tħoll u torbot l-operat tal-istess kunsill.

B. Punt 2.3.B Traffic Calmer Triq il-Kapuċċini

Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku f'seduti preċedenti pero' minn dak iż-żmien l'hawn iż-żona inbidlet f'żona ta' xogħolijiet infrastutturali fejn saru anke laqgħat ma' TM u IM fuq din iż-żona.

Sa għada stess is-Sindku ser ikun preżenti waqt laqgħa ta' TM il-għaliex fil-ġranet li ġejjin ser tingħalaq il-parti ta' isfel ta' Triq il-Kapuċċini minħabba x-xogħol kontinwu li qiegħed isir abbinat mar-riġenerazzjoni tax-Xatt. Dan kollu is-Sindku spjegaħ biex anke s-suġġeriment mgħoddi waqt seduti oħra mis-Sur Viċi Sindku ikun jaf illi għalissa 'traffic calmer' mhux ser tkun possibbli li ssir fiż-żona. Tajjeb li wieħed ikun jaf illi x-xogħolijiet li qed isiru fiż-żona qed isiru minn IM bħala pedament għal aħħar parti ta' Triq il-Kapuċċini. Kienet proprju kwistjoni urġenti li ssir bħala 'safety' ukoll tal-istess żona.

C. Punt 2.5.C Siġra Rinella Housing Estate

Is-Sindku nforma lill-kunsill illi din is-siġra ma' tistax tiġi salvata pero' qed jinġiebu wkoll kwotazzjonijiet biex tinqala' dan ukoll wara 'feedback' mir-residenti fiż-żona illi kienu favur li din is-siġra titneħħa. Saru wkoll laqgħat

mal-ġardinar fuq il-post kif ukoll pariri mill-ERA biex din titneħħa biex jitneħħa l-periklu.

## 3.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

### A Kalkara Triathlon

Is-Sindku nforma l-kunsill dwar attivita' li ser issir il-Kalkara f'Mejju 2023 li ser tkun qed titella' fuq jumejn nhar il-21 u 22 ta' Mejju. Kalkara Run and Triathlon weekend. Weekend sportiv fil-Kalkara fiż-żona tal-Bajja ta' Rinella u l-inħawi fejn ukoll il-kunsill avvinċinana grupp biex din is-sena ssir fil-lokal tagħna. Dan il-grupp ħaseb f'kollox hu bil-loġistika u l-preparamenti kollha bil-għajnuna tal-kunsill forsi f'xi loġistika li jkun hemm bżonn bħal No Parking Signs, għeluq ta' toroq u affarijiet żgħar oħra.

### B Artist Lokali

Is-Sindku nforma l-kunsill illi fost xi kuntatti li hu kellu sar jaf artisti lokali bravu mmens li għandu wkoll studio ġewwa Smart City. Is-Sindku ta resumee tal-laqgħat li kellu miegħu fejn fosthom dan l-istess artist irid jagħti bħala donazzjoni lill-kunsill 3 biċċiet ta' arti biex jitweħħlu fil-lokal. Din il-biċċa arti skond anke l-artist trid titweħħel x'imkien li tħares lejn il-baħar bħala rispett ukoll lejn l-istess artist u l-ħsieb wara din il-biċċa arti li ser tiġi regalata lill-kunsill fil-ġranet li ġejjin. Din il-biċċa arti sabet qisu posta ġewwa Ġnien Rnella u l-artist stess kien kuntent ħafna b'dan il-post. B'din l-ewwel biċċa arti wieħed jista' jibda jikkunsidra wkoll l-ewwel pass għal aktar enfażi fuq arti u kultura fil-lokal tal-Kalkara. Din il-biċċa arti ser tiġi ppreżentata waqt esibizzjoni formali li ser issir ġewwa l-'water front' tal-Furjana fejn is-Sindku ser ikunu preżenti u invitat formalment.

Is-Sindku qal ukoll illi 'arts in visit' huwa kunċett ġdid ta' biċċa arti li tinbidel kull 6 xhur. Dan l-istess artist ukoll offra pittura ta' dan it-tip biex tiġi installata fl-uffiċju tal-amministrazzjoni tal-kunsill fil-ġranet li ġejjin.

### C Bajja ta' Rinella – xogħolijiet u manutenzjoni

Is-Sindku nforma l-kunsill fuq ix-xogħolijiet li qed isiru u li ġa saru minn naħa tal-Cleansing Department fiż-żona tal-Bajja ta' Rnella speċjalment wara l-maltemp li għamel fix-xhur li għaddew fejn ukoll inġabar ħafna ġebel goff kif ukoll tweħħlu fanali ġodda LED mill-garaxx tal-gvern biex b'hekk issa ż-żona għandha dawl ħafna aħjar minn dak li kien ilu hemm snin u qatt ma kien għadu inbidel.

**D Stage temporanju – fin-niżla ta' Bighi**

Is-Sindku spjega illi fuq suġġeriment tas-Sinjura Speranza Chircop intbgħatu xi emails biex din il-possibilta' forsi isseħħ. Saru wkoll laqgħat saħansitra bi prova ta' tidwira ta' karozza tal-linja fuq il-post u ma daritx ħabba raġunijiet varji fosthom karozzi pparkjati ħażin. Din il-kwistjoni għadha trid tiġi diskussa formalment minn naħa ta' TM u sal-lum għad m'hemmx risposta formali dan is-suġġeriment jistax isir temporanjament jew le. Tajjeb ukoll li wieħed jiċċekja f'liema stadju ser ikun qiegħed il-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt biex wieħed ma jieħux kedda qisu għalxejn la darba wasal biex jibda x-xogħol f'din l-istess żona fejn qed jiġi ssuġerit dan l-istess stage temporanju.

**E Lejla Rnella** - Is-Sindku informa il-Kunsill illi kif diga kien gie maqbul unanimament f'seduti precedent anki fis -sena 2022, Lejla Rnella ser terga tkun organizzata ghat-tieni sena konsekuttiva nhar il-Gimgha 4 ta' Awwissu 2023. Il-Kunsill rega qabel unanimament li din l-attivita tibqa issir kull sena bhala parti mill-kalendarju ta attivitajiet li jittellghu matul is-sena.

<u>**3.5 Korrespondenza:**</u>

**A. PA / 002207/22 – Proġett Latrina l-antika, ix-Xewkija**

Is-Sindku talab lis-Sur Christopher Bruno oħroġ għal dan il-punt peress li jista' jkollu kunflitt ta' interess peress illi d-developer huwa familjari.

Is-Sindku nforma l-kunsill illi d-developer biddel ukoll il-pjanti tal-proġett wara li l-Planning Authority għamlu xi kambjamenti. Fil-preżent dawn il-pjanti ġew ukoll aċċettati mil-SCH u li l-kunsill ser ikun mistieden għal 'hearing board' tal-istess 'Planning Authority'.

**B. Kollaborazzjoni eSkills**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi iktar kmieni dan ix-xahar kellu laqgħa mal-eskills Malta Foundation flimkien mas-Seg Eżek fejn tkellimna l-possibilitajiet li wieħed jista' jaħdem fuqhom biex jingħataw courses ta' diversi tipi b'xejn għar-residenti fejn ukoll ser jiġi ffirmat MOU għal kollaborazzjonijiet futuri li wieħed jista' jorganizza.

C. **Proġett School Grannies**

Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser issir laqgħa bejn il-kunsill u bejn l-active ageing biex jinbdew diskussjonijiet fl-eventwalita' li ssir din il-biċċa tax-xogħol ukoll fil-lokalita' tal- Kalkara. Għal din il-laqgħa ser ikunu preżenti l-kunsilliera Maria Sultana u

Speranza Chircop peress li għandom id-dekasteri tal-anzjani u tfal li huma relatati ma' dan il-proġett.

.

**3.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;**

**A Maria Sultana**

1 Attivita' Jum il-Librerija

Is-Sinjura Sultana talbet illi tinbidel id-data ta' Jum il-Librerija mit-23 għal 24 ħabba li hi sfortunatament mhux ser tkun disponibbli. Il-kunsill qabel ma dan il-proponiment u talab lis-Sinjura Sultana tibda tikkordina anke mal-iskola primarja biex tittella' attivita' ħelwa simili bħal ma' diġa' saret fis-sena 2022

2 Għajnuna mill-ħaddiema tal-Kunsill biex isiru sinjali mal-art b'żebgħa tal-kulur biex jiffurmaw passji u forsi logħob ieħor antik li żgur li t-tfal jieħdu pjaċir bihom.

Is-Sindku talab is-Sinjura Sultana tikkordina din il-biċċa tax-xogħol u l-ħaddiema tal-kunsill imorru jisbħu m'hi problema ta' xejn.

3 Problema fejn l-iskola fejn mhux dejjem ikun hemm puluzija u anke qed jitħallew jgħaddu 'heavy vehicles' waqt ħin għal ħruġ u dħul tal-iskola. Dan l-ilment ser ikun qiegħed mgħoddi lill-pulizija tad-distrett mis-Seg Eżek fil-ġranet li ġejjin.
Is-Sindku talab lis-Sinjura Sultana tibgħat email formali fuq it-tibdil tal-ħinijiet tat-tabelli tal-iskola li ġew issuġeriti wkoll waqt diskussjoni libera f'dan il-punt stess biex wieħed ikun jista' jiċċekja.

4 Ħamis 30 ta' Marzu, prize day li ser ikun preżenti s-Sindku fejn ukoll ser jagħti premju f'isem il-kunsill lokali flimkien mas-Sinjura Maria Sultana li hija wkoll il-President of School.

**B Speranza Chircop**

1. Stedina CCC

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-kunsill b'visit li kellha flimkien ma' grupp li hi kkordinat f'dan id-direttorat tac-china fejn kien dan l-istess direttorat li stieden lis-Sinjura Chircop flimkien mal-grupp għal visit formali fiċ-ċentru tagħhom stess. Is-Sinjura Chircop qalet ukoll illi waqt din il-visit ġew offruti n-nies preżenti li jkunu membri ta' grupp li dan id-direttorat stess għandu forsi għal beneficcju tagħhom stess fejn ukoll ingħatat donazzjoni dak il-ħin li ser tiġi mgħoddija lill-'Community Chest Fund'.

2. Sqallija

Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar ġurnata li ser tkun qed torganizza għal Sqallija f'Mejju 2023.

3. Kors tal-Mużajk

10 lezzjonijiet bi €10 each. Is-Sinjura qalet li ser tkun qed tipprova tgħaqqad grupp li jekk jirnexxiela ser ikunu qed isiru s-Sibtijiet.

4. Ħarġa Kulturali

Harga f Marsaxlokk bid-dgħajsa għal familja kollha qed tigi organizzata mis-sinjura chircop f'April 2023 la darba it-temp jippermetti.

5. Kors għall-Anzjani ( Thai Chi)

dawn il-lezzjonijiet qed isiru gewwa is-sala tal-Kapuċċini

**3.7 Punti Ġenerali**

**A Vince Bongailas**

Dawl fiż-żona ta' Esplora

Is-Sur Bongailas qal illi għad hemm problema ta' dawl wara li l-kunsill kien infurmat illi kuntrattur għamel xi ħsara kbira fiż-żona inkluż din l-area.

Is-Sindku talab ritratti biex ikun jista' jaħdem fuq dan il-każ

**3.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:**

Is-Sinjura Sultana xtaqet tistaqsi lis-Sindku jekk hemmx xi informazzjoni konkreta jekk is-'service road' ta' Triq Missjoni Taljana hijiex waħda privata jew le wara li residenti minn hemmhekk stess avviċinawha fuq problema ta' parkeġġ li hemm.

Is-Sindku qal illi din hija kwistjoni li ilha sejra snin u li jekk din is-'service road' hija waħda privata hekk kif dejjem qalu r-residenti li joqgħodu f'din iż-żona ġġib magħha riperkussjonijiet oħra apparti żebgħa mal-art bħal ngħidu aħna jekk għandux il-kunsill jidħol fl-indafa , knis, ġbir ta' skart u affarijiet oħra abbinati ma' toroq pubbliċi oħra. Il-problema ta' parkeġġ u l-ilmenti fuq il-linji li hemm impenġijin mal-art m'hijiex il-problema fil-verita imma l-piki ta' bejn ir-residenti ta' hemmhekk stess.

A Speranza Chircop

1. Xtaqet issaqsi lis-Sindku jekk hemmx possibilta' li tingiref il-bankina ta' Triq Anglu Agius dan wara li sar railing bħala 'safety' mill-kunsill stess.

Il-persuna li qed tilmenta trid li jingiref dak il-ħaxix aħdar li jiżloq fuq l-istess bankina li hi dellija.

2. Jekk is-Sindku għandux xi tip ta' risposta fuq il-possibilta' li ssir rampa n-naħa tal-Married Quarters

Is-Sindku qal illi ironikament għadna għadejjin b'diskussjonijiet bejn il-lands u l-housing u għad ma hemm l-ebda żviluppi.

B Chris Bruno

1. Xtaq jistaqsi lis-Sindku, wara li xi Kalkariżi ġibdulu l-attenzjoni li ġew installati dawn fi Triq Missjoni Taljana, qiegħed jistaqsi x'użu għandhom u jekk hux diġa' qiegħedin jintużaw?

Is-Sindku wieġeb illi dawn il-magni għadhom m'humiex qed jintużaw minħabba li l-proġett għadu għadeej u hemm konessjonijiet nieqsin li jikkolegaw dawn l-istess magni fil-Kalkara.

Eventwalment dawn ser ikunu qed jagħtu ilma b'xejn li jinġabar mix-xita minn forsi bdiewa li jagħmlu użu ta' bowsers għal għelieqi tagħhom biex ikunu jistgħu jsaqqu.

2. Xtaq jistaqsi lis-Sindku, wara li xi Kalkariżi ġibdulu l-attenzjoni li numru ta' sigar tal-Ħarrub li jinsabu fid-daħla lejn it-tankijiet tal-ġbid tal-films (min naħa ta' Triq Santu Rokku) jidher li ġew miżbura għal-qluh. Qed

nippreżenta ritratt. Il-mistoqsija hija; jekk dawn is-siġar ser jinqalghu, għaliex? U fejn se jiġu trasferiti?

Is-Sindku ċċekja fuq dawn is-siġar u tajjeb li wieħed jgħid illi s-siġar jinsabu fi propjeta' privata u mhux f'żona pubblika. Il-kummisjarju wkoll tal-films ikkonferma illi kollox qed isir bil-permessi kollha neċessarji u ser isiru jmexxuwhom għal post iktar adekwat fl-istess żona privata tal-film studios.

## 3.9 Mozzjonijiet

Fuq mozzjoni tas-Sur Vincent Bongailas u sekondament ta' Maria Sultana għax-xahar ta April il-laqgħa ser issir filgħodu b'vot unanimu mill-kunsill.

## 3.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 3.23

## 3.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata ghat-18 ta' April 2023 fl 12:00 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv